MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 835/2005

Dr. Antoine Camilleri bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza taz-zewg socjetajiet esteri adidas International Marketing B.V. u adidas-Salomon AG
vs
Dr. Martin Fenech u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tat-12 ta' Ottubru 2005 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil XXX9999 Eurl Deguiche Import-Export, Diar El Kheloua No. 02 Section Erredouane No. 93 Bouloughine Ibn Ziri Algiers/Algeria

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha ppremetta:

Illi l-ewwel socjeta` attrici adidas International Marketing B.V. ta' Koningin Wilhelminaplein 30, 1062 KR Amsterdam, tal-Olanda kienet proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju distintiv maghruf bhala "three stripes device" liema markju kien uzat fuq diversi prodotti

bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif kien jidher fuq id-Dokument “A” prezentat mac-citazzjoni;

Illi din l-ewwel socjeta` attrici kienet detentrici tad-dritt ta’ proprjeta` industrijali tal-istess markju distintiv “three stripes device” fil-komplessita` tieghu registrat fir-Registru tal-Markji f’Malta taht Trademark No. 29740 (kif muri f’Dok. “A”), kif ukoll minhabba l-fatt illi din l-ewwel socjeta` attrici kellha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku “three stripes device” u dan kollu ai terrnini tal-Artiklu 2 tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi t-tieni socjeta` attrici adidas-Salomon AG, ta’ Adi-Dassler-Str l-2, 91074 Herzogenaurach, tal-Germanja kienet proprjetarja ta’ diversi markji, fosthom il-markji distintivi maghrufa bhala “three stripes device on clothing”, “trefoil device”, u “adidas” liema markji kienu uzati mis-socjeta` attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif kien jidher fuq id-Dokumenti “B”, “C”, “D” u “E” annessi mac-citazzjoni.

Illi din it-tieni socjeta` attrici kienet detentrici tad-dritt ta’ proprjeta` industrijali tal-istess markji distintivi “three stripes device on clothing”, “trefoil device” u “adidas” fil-komplessita` taghhom registrati fir-Registru tal-Markji f’Malta taht Trademark No. 10994 (kif muri f’Dok. “B”), Trademark No. 30173 (kif muri f’Dok. “C”), Trademark No. 13562 (kif muri f’Dok. “D”), u Trademark No. 29878 (kif muri f’Dok. “E”), kif ukoll minhabba l-fatt illi dina t-tieni socjeta` attrici kellha d-drittijiet tal-awtur fuq dawn l-imsemmija disinji jew xogholijiet artistici “three stripes device on clothing”, “trefoil device”, u “adidas” u dan kollu ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi kien irrizuita li fis-6 ta’ Awissu 2005 kienet iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur “M/V SEA ARROW”, u/jew kienet giet importata temporanjament u/jew tqieghdet

gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' zraben sportivi li kienu jgibu fuqhom il-markju "three stripes device" u l-markju "adidas" fuq imsemmija liema konsenja kienet tikkonsisti f'seba' mija u tmienja u sittin (768) pari zraben sportivi b'Container Numru ECMU9219450, u f'erbat elef sitt mija u tmienja u erbghin (4648) pari zraben sportivi b'Container Numru ECMU9067790, u li ma kienux genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artikolu 4 tal-Kap 414;

Illi mill-Poloz ta' Kargu Numri XIA158375 u XIA158376 kien irrizulta li l-konsenjatarji taz-zraben sportivi in kwistjoni kienu indikati bhala XXX9999 Eurl Deguiche Import-Export, Diar El Kheloua No. 02 Section Erredouane No. 93 Bouloughine Ibn Ziri Algiers/Algeria, mentri kien irrizulta li d-dettalji tax-Shipper kienu indikati bhala XIA0005 Uptop Trading Ltd. Flat 9, 19th Flr. Wah Suen House 22 Tsing Chin ST. Tsing YI, N.T. Hong Kong;

Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-propjeta` intellettwali kien projbit skond l-Artiklu 4 ta' l-istess Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi din il-konsejna ta' zraben sportivi in kwistjoni kienet tikkontravvjeni d-drittijiet ta' propjeta` intellettwali taz-zewg socjetajiet attrici skond l-Artikolu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-Kap 414, li favur taghhom kienu registrati l-markji distintivi maghrufa bhala "three stripes device", "three stripes device on clothing", "trefoil device", u "adidas" kif spjegat aktar 'il fuq, u kienet tikkontravvjeni wkoll id-drittijiet tal-awtur illi z-zewg socjetajiet attrici kellhom fuq l-imsemmija markji distintivi rispettivi taghhom li kienu wkoll xogholijiet artistici protetti bil-Kap 415 tal-Ligijiet ta' Malta - Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur, u dan skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-Kap 414, u dan kollu kif kien ben spjegat mill-analizi li kienet ghamlet rapprezentanta tal-ewwel socjeta` attrici adidas International Marketing B.V. f'isem iz-zewg socjetajiet attrici (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. "F" prezentat mac-citazzjoni);

Illi din il-konsenja ta’ zraben sportivi bhalissa kienet tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li kienu ghamlu z-zewg socjetajiet atturi lill-istess Kontrollur wara li kienu gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. “G” anness mac-citazzjoni);

L-attur nomine talab lill-Qorti:

1. Fil-konfront taz-zewg socjetajiet altrici, tiddikjara u tiddeciedi li zzraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap 414);

2. Fil-konfront tal-ewwel socjeta` attrici, jigifieri adidas International Marketing B.V., tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ zraben sportivi li tikkonsisti f’seba’ mija u tmienja u sittin (768) pari zraben sportivi b’Container Numru ECMU9219450, u f’erbat elef sitt mija u tmienja u erbghin (4648) pari zraben sportivi b’Container Numru ECMU9067790, da parti tas-socjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta` intellettwali ta’ dina s-socjeta` attrici in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap 414 (Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Kap 414, u dan fil-konfront tat-Trademark registrat f’isem is-socjeta` attrici bin-Numru 29740 firRegistru tal-Markji ta’ Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha “three stripes device”;

3. Fil-konfront tat-tieni socjeta` attrici, jigifieri adidas-Salomon AG. tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew

tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja tla’ zraben sportivi li tikkonsisti f’sebgha mija u tmienja u sittin (768) pari zraben sportivi b’Container Numru ECMU9219450, u f’erbat elef sitt mija u tmienja u erbghin (4648) pari zraben sportivi b’Container Numru ECMU9067790 da parti tassocjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bilmiktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta` inlellettwali ta dina s-socjeta` attrici in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Kap 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f’isem is-socjeta` attrici bin-Numri 10994, 30173, 13562 u 29878 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew filkonfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` attrici ghandha fuq ixxogholijiet artistici taghha “three stripes device on clothing”, “trefoil device”, u “adidas”;

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjetajiet attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenuti nomine, skond l-Artikolu 8 tal-Kap 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista’ skond it-termini ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) – Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-konfront tas-socjetajiet attrici;

6. Tordna lill-konvenuti nomine sabiex ihallsu l-ispejjez kollha firrigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in
kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini talKap 414;

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine li eccepew:

1. Illi huma ma kienux edotti mill-fatti kif esposti u ghalhekk kienu rriservaw li jissottomettu eccezzjonijiet ulterjuri meta jkun il-kaz.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine Dr. Antoine Camilleri.

Gie prezentat affidavit ta' Dr. Antoine Camilleri li fih semma li bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet esteri attrici adidas International Marketing B.V. u adidas-Salomon AG, kkonferma d-dikjarazzjoni tieghu. Zied jghid li mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni 'l hawn ma rcevew ebda informazzjoni ulterjuri dwar is-socjeta` konvenuta.

Rat li gie prezentat affidavit ta' George Agius, Fizzjal tad-Dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar li fih semma li l-***container*** ECMU9067790 kien inhatt gewwa l-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur M/V Sea Arrow fis-6 ta' Awissu 2005 u kien gie maghzul ghall-kontroll fiziku tal-kontenut tieghu. Skond il-polza tat-tghabija numru XIA158376 l-origini tal-***container*** kien Hong Kong u d-destinazzjoni kienet l-Algerija. Dan kien dikjarat li fih 1008 kaxxi zraben. Fit-8 ta' Awissu 2005 fil-prezenza ta' ufficjali ohra tad-Dwana u tar-rapprezentant tal-agent tal-vapur u wara li gie konfermat li s-sigilli kienu intatti, il-***container*** infetah u nstab li l-ewwel fillieri tal-kontenut

kienu zraben b'diversi markji popolari fosthom Adidas. Gie deciz li l-***container*** jinzamm ghal aktar investigazzjonijiet u wara li gew elevati xi kampnjuni l-***container*** rega' nghalaq u sigillat mid-Dwana, filwaqt li r-rapprezentant tal-agent inghata ricevuta tal-***container*** mizmum. Il-kampjuni gew mghoddija lil Dr. Antoine Camilleri ta' Mamo TCV Advocates bhala rapprezentanti legali tal-markju Adidas. Minn ezamijiet li saru nstab li dawn il-kampjuni kienu kontrafatti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-kuraturi deputati.

Min-naha taghhom il-kuraturi deputati ma jistghux imieru lill-kumpanija attrici ghaliex ma jafu xejn fuq il-fatti. Ma jirrizultax li rcevew xi kumment jew direttiva li tista' tghinnhom fid-difiza. Zgur li xejn minn dak li sostna l-attur nomine ma gie kontradett.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

Irrizulta li Dr. Antoine Camilleri huwa rapprezentant tas-socjetajiet adidas International Marketing B.V. u adidas-Salomon AG u l-protezzjoni tal-markji taghhom gewwa Malta. Irrizulta li fis-6 ta' Awissu 2005 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur M/V Sea Arrow konsenja zraben li fosthom kien hemm zraben li kellhom il-markju Adidas, fuq ***container*** ECMU9219450. Dr. Antoine Camilleri kien inghata kampjuni biex dawn jintbaghatu barra minn Malta biex jigu ezaminati u jigi stabbilit jekk dawn kienux genwini jew foloz. Instab li dawn iz-zraben kienu kontrafatti. Dawn il-fatti gew konfermati minn George Agius Fizzjal tad-Dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar li semma li fit-8 ta' Awissu 2005 il-***container*** imsemmi gie miftuh biex jigi ccekkjat. Ikkonferma li ttiehdu xi kampjuni biex jigu analizzati. Provi mill-konvenuti nomine ma sarux. Fid-dokument esebit a fol 117 tal-process hemm id-dikjarazzjoni ta' Roline Bergsma, Lawyer, Intellectual Property Department, adidas International Marketing B.V., li fiha jinghad "As requested, after examining the samples, I can confirm that the products in question are definitely counterfeit and that they were not produced by, or with the authorisation of adidas, or any of their affiliates or

licensees for, among others, the following reasons…" u hemmhekk jinghataw ir-ragunijiet.

It-talba attrici ma hi b'ebda mod kontradetta.

L-azzjoni attrici hi bazata fuq dak li tipprovdi l-Ligi fl-Att tal-1997 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kap 414).

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Il-fatti msemmija fic-citazzjoni u dikjarazzjoni jirrizultaw pruvati.

Illi in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn Roline Bergsma, tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius u ta' Dr. Antoine Camilleri, il-Qorti fil-konfront taz-zewg socjetajiet attrici, tiddikjara u tiddeciedi li z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap 414).

Fil-konfront tal-ewwel socjeta` attrici, jigifieri adidas International Marketing B.V., tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi li tikkonsisti f'seba' mija u tmienja u sittin (768) pari zraben sportivi b'Container Numru ECMU9219450, u f'erbat elef sitt mija u tmienja u erbghin (4648) pari zraben sportivi b'Container Numru ECMU9067790, da parti tas-socjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali ta' dina s-socjeta` attrici in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap 414 (Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Kap 414, u dan fil-konfront tat-Trademark registrat f'isem is-socjeta` attrici bin-Numru 29740 firRegistru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "three stripes device".

Fil-konfront tat-tieni socjeta` attrici, jigifieri adidas-Salomon AG. tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja tla’ zraben sportivi li tikkonsisti f’sebgha mija u tmienja u sittin (768) pari zraben sportivi b’Container Numru ECMU9219450, u f’erbat elef sitt mija u tmienja u erbghin (4648) pari zraben sportivi b’Container Numru ECMU9067790 da parti tassocjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bilmiktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta` inlellettwali ta dina s-socjeta` attrici in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Kap 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f’isem is-socjeta` attrici bin-Numri 10994, 30173, 13562 u 29878 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta, u/jew filkonfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` attrici ghandha fuq ixxogholijiet artistici taghha “three stripes device on clothing”, “trefoil device”, u “adidas”;

Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjetajiet attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenuti nomine, skond l-Artikolu 8 tal-Kap 414.

Dwar il-hames talba fejn intalab lill-Qorti “Tordna kull rimedju iehor li tista’ skond it-termini ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) – Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-konfront tas-socjetajiet attrici”, fil-fatt l-attur nomine ma ghamel ebda talba specifika ghal dan ir-rigward u l-Qorti ma thossx opportun li timponi ebda rimedju iehor.

Tordna lill-konvenuti nomine sabiex ihallsu l-ispejjez kollha firrigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in
kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini talKap 414.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine, b'dan li provvizorjament id-drittijiet tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------